# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 172/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Steve Bianchi**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Steve Bianchi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 533684(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-7 ta' Frar 2012 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar ġewwa l-Maltapost Parcel Post Office, Marsa:

1. importa, esporta jew esporta mill-ġdid xi eżemplari ta' Cactaceae miċ-Ċina (liema eżemplari huma fil-Kategorija Annex A u Annex B tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) No. 338/97 hekk kif emendat bir-Regolamenti tal-Kunisll (EC)

No. 709/2010) ukoll jekk dan mhux imsemmi fl-Anness tar-Regolament Prinċipali, mingħajr ma applika lill-Awtorita' Amministrattiva bil-miktub fuq formoli disponibbli minn dik l-Awtorita', u dan bi ksur ta' Regolament 5 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora – A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

2. ma żammx fil-pussess tiegħu u għaż-żmien kollu li eżemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt ir-Regolament tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, kull permess, ċertifikat u liċenza li kellhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dak l-eżemplari u dan bi ksur tar-Regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora – A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

3. importa fil-Komunita' eżemplari mingħajr il-permessi jew ċertifikati neċessarji u dan bi ksur ta' Regolament 8(1)(a) tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora – A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

4. ma għamilx notifika dwar l-importazzjoni u dan bi ksur ta' Regolament 8(1)(e) tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora – A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

5. daħħal eżemplari ġewwa jew ħareġ 'l barra jew għadda fi transit mit-territorju tal-Komunita' mingħajr il-permessi jew ċertifikati neċessarji maħruġa skont il-provvedimenti tar-Regolament Prinċipali u, fil-każ ta' esportazzjoni jew esportazzjoni mill-ġdid minn pajjiż ieħor li jkun parti fil-Konvenzjoni, mhux skont il-provvedimenti ta' l-istess Konvenzjoni jew mingħajr ma tinġieb prova sodisfaċenti ta' l-eżistenza ta' dak il-permess jew ċertifikat bi ksur ta' Regolament 8(1)(i) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

6. naqas milli japplika bil-miktub għand l-Awtorita' Amministrattiva skont il-provvedimenti tar-Regolament 5 ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u

Flora – A.L. 236 tal-2004 bi ksur ta' Regolament 8(1)(n) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

7. naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu xi permess, ċertifikat jew liċenzja skont il-provvedimenti tar-Regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora bi ksur ta' Regolament 8(1)(p) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat;

8. importa oġġetti li joriġinaw f'xi pajjiż ta' barra l-Unjoni Ewropea, li huma elenkati fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni, u ċioè taħt l-intestatura tal-H.S. 05.07; 05.11; 96.01 u 97.05, mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni jew liċenzja ta' importazzjoni valida maħruġa mill-Ministru responsabbli għall-kummerċ, dan bi ksur ta' Regolament 3(1)(b) tal-A.L. 242 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 117.14);

**<u>Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana talli</u>**:

9. fis-7 ta' Frar 2012, wara l-eżami ta' żewġ pakki, EMS Reference EC686642102US u EC686640923US relatati mad-dokument tad-Dwana TDID No: 2012601671684, mill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-Parcel Post Office Marsa nstab li mporta jew daħħal jew kellu x'jaqsam filli jiġu importati jew imdaħħlin f'Malta oġġetti magħmula mill-avorju, kif jidhru hawn taħt:

    1) Item No. 11617/1 – Ivory Page Turner (paper knife)
    2) Item No. 44015/31 – Ivory Jewellery (1 piece)
    3) Item No. 44015/31 – Ivory Jewellery (5 pieces)
    4) Item No. 11617/2 – Ivory Bracelet, Ring & Rose (3 pieces)
    5) Item No. 11617/2 – Ivory Statue in wooden case (1 piece).

    L-importazjoni ta' dawn l-oġġetti hija pprojbita u/jew limitata u/jew ristretta u dan għax ma kienx hemm il-permess meħtieġ skont il-liġi.

Dawn l-oġġetti ġew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru 44/2017.

Dan bi ksur tal-Artikoli 60(b), 62(a)(i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli timponi l-piena applikabbli taħt ir-Regolament 8(2) tal-A.L. 236 tal-2004, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi *warrant*, liċenzja, permess jew awtorita' għal żmien mhux anqas minn sena skont il-provvedimenti ta' Regolament 8(4) tal-A.L. 236 tal-2004.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, barra milli timponi l-piena applikabbli taħt ir-Regolament 8 tal-A.L. 242 tal-2004 hekk kif emendat, bis-saħħa tal-proviso tal-istess Regolament, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti li għalihom jirriferixxi r-reat, anki jekk sidhom ma jkunx parti fil-proċeduri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 5, 7, 8(1)(a), 8(1)(e), 8(l)(i), 8(1)(n) u 8(1)(p) tal-Avviż Legali 236 tal-2004 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 3(1)(b) tal-Avviż Legali 242 tal-2004 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 60(b) u 62(a)(i) ta' Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-ewwel tmien imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u lliberatu minnhom, sabet lill-imputat ħati tad-disa' imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' sitt mitt Euro (€600) li għandhom jinqasmu f'pagamenti ta' erba' mitt Euro (€400) lill-Qorti u mitejn Euro (€200) lill-Awtorita' tad-Dwana. L-Ewwel Qorti fissret fi kliem ċar il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali (*a fol.* 54 *et seq.*) ippreżentat f'April 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi:*

1. ***Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lil Steve Bianchi ħati tad-disa' (9) imputazzjoni;*

2. ***Tikkonfermaha*** *fil-parti fejn illiberat lil Steve Bianchi mill-ewwel (1) u mit-tmien (8) imputazzjoni;*

3. ***Tħassarha*** *u* ***tirrevokaha*** *fil-parti fejn illiberat lil Steve Bianchi mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mill-ħames (5), mis-sitt (6) u mis-seba' (7) imputazzjoni u minflok issibu ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliġġi piena skont il-liġi;*

4. ***Tirriformaha*** *fil-parti tal-piena erogata fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni fis-sens li B'ŻIEDA mal-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati ta' sitt mitt Euro (€600) għas-sejbien tal-ħtija fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni, il-Qorti għandha tordna WKOLL il-konfiska ta' l-oġġetti in kwistjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali u l-ewwel aggravju tiegħu huwa dwar apprezzament tal-fatti. L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tillibera lill-appellat mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mill-ħames (5), mis-sitt (6)

u mis-seba' (7) imputazzjoni. Jingħad li fis-7 ta' Frar 2012 l-appellat kien importa f'Malta mill-Istati Uniti diversi oġġetti li wħud minnhom kienu kampjuni tal-avorju maħduma (*worked ivory specimens*), liema avorju jidderiva minn *Elaphas maximus* (iljunfant Asjatiku) u *Loxodonta Africana* (iljunfant Afrikan). Jisħaq li l-appellat ma kellux fil-pussess tiegħu l-permess, iċ-ċertifikat jew liċenzja meħtieġa sabiex ikun jista' jimporta l-kampjuni tal-avorju maħduma u jisħaq ukoll li l-appellat anqas ma kellu permess għall-esportazzjoni mill-Istati Uniti fil-pussess tiegħu. Jargumenta li l-importatur irid ikollu ċertifikat mill-Awtorita' tal-pajjiż ta' esportazzjoni kemm jekk l-akkwist ikun sar qabel ma daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni kif ukoll wara u jargumenta wkoll li r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu kondizzjonijiet għall-importazzjoni aktar stretti minn dawk fil-Konvenzjoni. Jgħid li l-appellat qatt ma applika għall-permess għall-importazzjoni.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jsostni li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati talli importa f'Malta oġġetti tal-avorju li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata u allura kien isegwi li hu kellu jinstab ħati wkoll tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni b'dana illi l-Ewwel Qorti kellha timponi l-piena applikabbli f'Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.38 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u kellha tordna wkoll l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi *warrant*, liċenzja, permess jew awtorita' għal żmien mhux inqas minn sena skont Regolament 8(4) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa li ġialadarba l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati tad-disa' (9) imputazzjoni, hija kellha tordna l-konfiska tal-oġġetti li tagħhom hija pprojbit l-importazzjoni għax ma kienx hemm il-permessi meħtieġa u dan *ai termini* tal-Artikolu rilevanti tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali hekk kif kompilati quddiem l-Ewwel Qorti u li jinsabu għad-dispożizzjoni ta' din il-Qorti jirriżulta s-segwenti inkartament:

*a fol.* 1 sa 6: Iċ-ċitazzjoni li biha l-appellat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti fuq liema ċitazzjoni hemm miktub bil-kitba b'pinna ta' kulur blu, fost l-oħrajn, is-segwenti:

"1 – 8 Liberat
9 Multa €600

[Firma]
21.03.2018"

*a fol.* 7; Riferta.

*a fol.* 8; Verbal ta' seduta bid-data tal-1 ta' Marzu 2017 fejn dakinhar instemgħu numru ta' xhieda u l-kawża ġiet mħollija għall-10 ta' Mejju 2017 għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni.

*a fol.* 9 sa 29: Dokumenti li ġew ippreżentati, fost liema hemm numru ta' ritratti u rapport tal-Pulizija.

*a fol.* 30: Verbal ta' seduta bid-data tal-10 ta' Mejju 2017 fejn dakinhar ma nstema' l-ebda xhud u l-kawża ġiet mħollija għall-25 ta' Ottubru 2017 għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni.

*a fol.* 31: Verbal ta' seduta bid-data tal-25 ta' Ottubru 2017 fejn fih hemm imniżżel li xehdu "Bellotti" u "Carmel Sammut" u fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa u

dakinhar il-kawża ġiet mħollija għall-24 ta' Jannar 2018 għall-provi tad-difiża.

*a fol.* 32: Verbal ta' seduta bid-data tal-21 ta' Frar 2018 fejn fih hemm mniżżel biss li deher l-iSpettur Colin Sheldon għall-Prosekuzzjoni u li l-kawża tħalliet għall-provi tad-difiża għall-21 ta' Marzu 2018.

*a fol.* 33: Verbal ta' seduta bid-data tal-25 ta' Ottubru 2017 fejn fih hemm mniżżel li deher l-iSpettur Colin Sheldon għall-Prosekuzzjoni u kif ukoll l-imputat *ossia* l-appellat assistit mill-konsulent legali tiegħu u hemm imniżżel ukoll li xehed l-imputat li ppreżenta xi dokumenti u kif ukoll li xehed ukoll Mark Anthony Mifsud Cutajar. Hemm miktub ukoll hekk:

"Id-difiża tiddikjara l-provi magħluqa.

Saret it-trattazzjoni.

Ingħatat sentenza."

*A fol.* 34 sa 46: Dokumenti tal-kawża.

*A fol.* 47 sa 50: Sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti bid-data tal-21 ta' Marzu 2018. F'din is-sentenza hemm elenkati l-imputazzjonijiet li hemm imniżżla fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1 *et seq.*) u s-sentenza hija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Steve Bianchi.**

*A fol.* 51: Dokument datat "21 ta' Marzu" fejn l-imputat *ossia* l-appellat talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

*A fol.* 52: Dokument bid-data tal-21 ta' Marzu 2018 bit-titolu: *"Garanzija bi Pleġġ magħmula għad-dehra ta' persuna misjuba ħatja magħmula mill-istess persuna għal dak kollu li jgħid u jrid l-Artikolu 416(1)(1A) tal-Kodiċi Kriminali"*.

*A fol.* 53: Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha għarraf lill-Ewwel Qorti li kien bi ħsiebu jappella mis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu 2018 u fejn talab li l-Ewwel Qorti tibgħat l-atti proċesswali (inkluż is-sentenza) lill-Avukat Ġenerali.

*A fol.* 54 *et seq.*: Ir-Rikors tal-Appell tal-Avukat Ġenerali.

Illi għandu jingħad li wara li r-Rikors tal-Appell tal-Avukat Ġenerali hemm inkartament relatat mal-proċeduri miżmuma quddiem din il-Qorti, kemm dik kif diversament preseduta u kif ukoll kif preseduta.

Illi minn analiżi ta' dak li ġie elenkat hawn fuq fir-rigward tal-atti proċesswali hekk kif redatti quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż is-sentenza appellata, jemerġi illi dawn huma kolpiti minn għal tal-anqas żewġ nuqqasijiet. L-ewwel nuqqas qed ikun sollevat *ex officio* peress illi si tratta ta' kwistjoni ta' ordni pubbliku. Din il-Qorti tinnota li filwaqt li fuq iċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1 *et seq.*) hemm miktub bil-kitba b'pinna ta' kulur blu dak imsemmi aktar 'il fuq fis-sentenza bid-data "21.03.2018" (*a fol.* 5), tinnota wkoll li s-sentenza appellata (*a fol.* 47 *et seq.*) hija datata 21 ta' Marzu 2018. Minkejja dan mhux talli l-atti proċesswali ma jikkontjenux verbal ta' seduta li suppost saret quddiem l-Ewwel Qorti fil-21 ta' Marzu 2018, talli fl-atti proċesswali hemm żewġ verbali bid-data tal-25 ta' Ottubru 2017 (wieħed *a fol.* 31 u ieħor *a fol.* 33) fejn filwaqt li f'wieħed hemm li xehdu żewġ xhieda u li l-kawża tħalliet għall-24 ta' Jannar 2018 għall-provi tad-difiża, fl-ieħor hemm li xehed l-imputat *ossia* l-appellat u xhud ieħor (li huma differenti minn dawk imsemmija fil-verbal l-ieħor) u hemm miktub ukoll li d-difiża ddikjarat li l-provi tagħha bħala magħluqa, li saret it-

trattazzjoni u li ngħatat sentenza. Dan ma jistax jitqies bħala *lapsus calami* u għalhekk is-sentenza appellata qed tkun dikjarata nulla u bla effett.

Illi apparti minn dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li meta fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellat fid-disa' (9) imputazzjoni hija ndikat, fost l-oħrajn, Artikoli 60(b) u 62(a)(i) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tinnota li minkejja li mid-data tas-7 ta' Frar 2012 li ssir riferenza għaliha fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1 *et seq.*) kontra l-appellat sallum, Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat b'diversi Atti tul is-snin, l-ebda wieħed minn dawn l-Atti li emenda Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta ma' emenda Artikolu 62(a) tal-Kapitolu 37 imsemmi. Jingħad li Artikolu 62(a)(i) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jissemma mill-Ewwel Qorti fid-*decide* tas-sentenza mogħtija minnha meta hija sabet lill-appellat ħati tad-disa' (9) imputazzjoni ma jeżistiex.

Illi Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u <u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;

Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi isemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

> Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika eżatt l-Artikolu tal-liġi li minnu temerġi d-disa' (9) imputazzjoni li tagħha nstabet ħtija jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellat jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**